# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 23 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 9.**
**Citazz. Nru. 1879/98 JRM**

**MALTACOM p.l.c.**

**vs**

**Oscar u Edwige konjugi SPITERI.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, il-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn u erba' mitt lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm2,400.49c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tan-numru telefoniku 499284;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok. B;

Illi s-socjeta' attrici sejhet diversi drabi lill-konvenuti sabiex ihallasuha l-ammont imsemmi izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn u erba' mitt lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm2,400.49c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tan-numru telefoniku 499284, skond il-prospett esebit bhala Dok. B, ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-(omissis), tal-Mandat ta' Sekwestru numru (omissis), u l-Mandat ta' Qbid numru (omissis), u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali – kollha kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-Socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic- citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elfejn u erba' mitt lira maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm2,400.49c0) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tan-numru telefoniku 499284, skond il-prospett esebit bhala Dok. B, ghar-ragunijiet premessi, bl-ispejjez limitatament ghal dawk ta' l-att tac-Citazzjoni billi ma ngibitx rova xierqa tal-atti l-ohra precedenti; u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sl-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**23 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Novembru, 2000.**